**25 ta' April, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Caterina Gerada

*versus*

Avukat Dr. Antonio Caruana

**Ġurisdizzjoni — Rinviju — Provi — Dokumenti — Att Publiku — Kopja ta' Att Notarili — Nutar — Art. 231, 629 u 630, tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-art. 231 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li tawtorizza l-Qorti tal-Appell tirrinvija l-kawża lill-Qorti tal-Ewwel Istanza f'ċerti każi, mhix tassattiva.*

*Huwa veru illi l-Qorti il tkun ippronunċjat is-sentenza tagħha definittiva f'kawża ma għandhiex aktar ġurisdizzjoni fuq dik il-kawża; iżda dan hu veru sakemm tkun għadha sseħħ dik is-sentenza; għaliex l-ostakolu hu kostitwit appuntu b'dik is-sentenza. U l-artikolu fuq imsemmi mhux talli ma jimplikax neċessarjament illi l-Qorti ma għandhiex aktar ġurisdizzjoni f'kawża wara li tkun tat is-sentenza tagħha fiha, iżda anzi jippostula, fl-ispirtu tiegħu, id-deżiderabilità, jekk mhux in-neċessità, li l-kwistjonijiet involuti f'kawża, speċjalment meta jkunu ta' ċerta gravità u delikatezza, ikunu sottoposti għad-doppju eżami. L-idea ġenerali ta' dak l-artikolu mhix dik li jistabbilixxi tassattivament il-każijiet li fihom il-Qorti tal-Appell tista' terġa tibgħat il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, iżda pjuttost li jsemmi każijiet tipiċi li fihom il-meritu ma jkunx ġie ventilat quddiem dik il-Qorti u deċiż minnha, biex jagħmel obligu lil dik il-Qorti li tirrimetti l-kwistjoni lill-Ewwel Qorti, jew biex jawtorizza lill-Qorti tal-Appell, jekk il-kwistjoni ma tinvolvix komplikazzjonijiet kbar, li tiddeċediħom hija stess non ostante n-nuqqas tad-doppju eżami.*

*Bir-rinviju lill-Ewwel Qorti, wara r-revoka jew l-annullament*

*tas-sentenza tagħha, għall-eżami u deċiżjoni ta' xi kwistjoni fil-kawża, li qabel ma tkunx ġiet trattata minnha, il-Qorti tal-Appell ma tkunx qegħedha tiddelega l-ġurisdizzjoni tagħha, jew tisvesti ruħha minn din il-ġurisdizzjoni; hi tkun sempliċement, fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, tagħti l-opportunità li dik il-kwistjoni tiġi eżaminata bil-mezzi ta' prova u proċeduri oħra aktar aġevoli quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad, iżda salv dejjem li l-istess kwistjoni tista' terġa tiġi quddiem il-Qorti tal-Appell bħala Qorti ta' Reviżjoni, fi grad ta' appell; b'mod illi d-doppju eżami, li hu normalment dritt ta' kull litigant, ikun salvagwardat.*

*Kopja legali ta' att publiku riċevut minn nutar tagħmel prova tal-kontenut tagħha, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tas-7 ta' Marzu 1958, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tar-"res judicata" opposta mill-attriċi għall-appell tal-konvenut in kwantu riferibbli għas-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, u ġie ordnat li titkompla t-trattazzjoni tal-appell. F'dik is-sentenza jinsabu rijassunti t-talbiet tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, kif ukoll il-proċeduri kollha li saru sa issa f'din il-kawża. Hemm ukoll rijassunti ż-żewġ sentenzi tal-Ewwel Qorti, ċjoè dik fuq imsemmija tas-6 ta' Ottubru 1953 u dik tat-30 ta' Ottubru 1957, li minnhom il-konvenut qiegħed issa jappella;

Trattat l-appell mis-sentenza l-waħda u l-oħra, u eżaminati l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti kkunsidrat;

Kwantu għas-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953;

B'dik is-sentenza, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li kellha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni rinvijata lilha minn din il-Qorti bid-digriet tas-7 ta Mejju 1951. Il-konvenut appellant isostni illi din is-sentenza hi żbaljata; una volta li l-Ewwel Qorti kienet ġa bis-sentenza tagħha tal-15 ta' Novembru 1945 iddeċidiet il-meritu tal-kawża billi ċaħdet it-talbiet tal-attriċi, l-istess Qorti ma setgħetx, non os-

tante li dik is-sentenza tal-15 ta' Novembru 1945 kienet ġiet revokata minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju 1946, u non ostante r-rinviju magħmul lill-Ewwel Qorti minn din il-Qorti bid-digriet tas-7 ta' Mejju 1951, jerġa jkollha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' ebda kwistjoni relattiva għall-istess kawża. Fil-qosor, il-konvenut qiegħed jattakka bħala "ultra vires" u invalidu l-imsemmi digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Mejju 1951; u r-raġuni li fuqha jibbaża s-sottomissjoni tiegħu hija sostanzjalment illi l-każijiet li fihom din il-Qorti tal-Appell tista' terġa tibgħat l-atti ta' kawża li minnha jkun sar appell, biex l-Ewwel Qorti tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha, huma biss u esklużivament dawk kontemplati fl-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15 E.R.);

Din il-preteża tal-konvenut ma tidherx aċċettabbli. Veru huwa illi, minn żmien għall-ieħor fl-imgħoddi kien hemm xi sentenzi li donnhom affermaw dik id-dottrina; iżda, sa minn mindu ġie promulgat il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, għadd wisq akbar ta' sentenzi, speċjalment ta' din il-Qorti, ħadu l-veduta, li tidher aktar raġjonevoli, illi d-dispożizzjoni tal-imsemmi art. 231 mhix tassattiva kif jippretendi l-konvenut. Biex wieħed isemmi xi uħud mill-aktar antiki, biżżejjed wieħed jirriferixxi għal dawk mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża "Dimech vs. Mizzi", tat-30 ta' Ġunju 1858, u fil-kawża "Camilleri vs. Borg", tal-31 ta' Ottubru 1860. Fl-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ każi, l-Ewwel Qorti kienet akkoljiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u rriġettat it-talba tal-attur; fuq l-appell din il-Qorti rrevokat is-sentenza, billi rrriteniet li l-eċċezzjoni kellha tiġi miċħuda u peress illi, "in vista delle particolari circostanze del caso, è spediente che tutte le allegazioni ed eccezioni dei convenuti, sulle quali finora non è stato dato giudizio, siano discusse e decise in prima istanza", irrinvijat il-kawża għal dan l-iskop quddiem l-Ewwel Qorti. Sentenzi oħra li fihom din il-Qorti estendiet l-applikabilità tar-rinviju lill-Ewwel Qorti għal każijiet mhux kontemplati fl-imsemmi art. 231 huma dawk riportati fil-Kollez. Vol. V, p. 270; Vol. VII, p. 59 u p. 347; Vol. IX, p. 231. Għal sentenzi oħrajn aktar reċenti wieħed jista' jirriferixxi għal dawk riportati fil-Vol. XXVII-I-663; Vol. XXXV-I-101 u 320; Vol. XXXVII-I-329;

Vol. XXXVIII-I-357; App. Kumm. "Saliba vs. Sciberras", 31 ta' Marzu 1952. F'diversi minn dawn il-każijiet ir-rinviju sar għad illi bis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti kienet id-deċidiet il-meritu kollu tal-kawża;

Il-prinċipju li tant insista fuqu l-konvenut, illi l-Qorti li tkun ippronunzjat is-sentenza definittiva tagħha f'kawża ma għandhiex aktar ġurisdizzjoni fiha, huwa veru; iżda huwa veru sakemm dik is-sentenza tkun għadha sseħħ. L-ostakolu huwa kostitwit appuntu minn dik is-sentenza. Illustrazzjoni ċara ta' dan insibuha fl-istitut tar-ritrattazzjoni. Meta, fil-każijiet permessi mill-liġi, ir-ritrattazzjoni tiġi ammessa, mħassra s-sentenza attakkata, il-kawża terġa tiġi mismugħa mill-ġdid fil-meritu mill-istess Qorti li tkun tat dik is-sentenza, "u jistgħu joqgħodu l-istess Imħallfin jew Maġistrati" (art. 817);

Issa, fil-każ preżenti, is-sentenza fil-meritu, li kienet tat l-Ewwel Qorti fil-15 ta' Novembru 1945, kienet ġiet minn din il-Qorti, kif ġa ntqal, revokata bis-sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju 1946. B'din l-aħħar sentenza, però, kienet ġiet deċiża biss l-ewwel domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni tal-attriċi, fis-sens illi din il-Qorti rriteniet illi l-attriċi eżerċitat tajjeb id-dritt tagħha ta' retratt minħabba t-titolu ta' viċinanza. Rigward it-tieni talba, ċjoè dik relattiva għall-kundanna tal-konvenut biex jagħmel ir-rivendizzjoni, din il-Qorti rriżervat impreġudikata l-eċċezzjoni tiegħu illi huwa anki konsorti fil-fond irkuprat, kif jasserixxi huwa. U billi dwar din l-eċċezzjoni l-partijiet ma kienx kellhom l-opportunità li jidduskutuha quddiem l-Ewwel Qorti, u din il-Qorti dehrilha illi kien xieraq li fuqha ż-żewġ partijiet ikollhom il-vantaġġ tad-doppju eżami, din il-Qorti, bid-digriet tagħha tas-7 ta' Mejju 1951, ordnat ir-rinviju lill-Ewwel Qorti. B'daqshekk, kif ġa ntqal, din il-Qorti ma għamlet xejn li hu vjetat mill-liġi, jew li jirripunja għall-prinċipji ġuridiċi;

L-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mhux talli ma jimpurtax dak li jippretendi l-konvenut, iżda talli fl-ispiritu tiegħu jippostula d-deżiderabilità, jekk mhux in-neċessità, li l-kwistjonijiet involuti f'kawża,

speċjalment meta jkunu ta' ċerta gravità u delikatezza, ikunu sottoposti għad-doppju eżami. *L-idea ġenerali* tiegħu mhix dik li jistabbilixxi tassattivament il-każijiet li fihom din il-Qorti tista' terġa tibgħat il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, iżda pjuttost li jsemmi każijiet tipiċi li fihom il-meritu ma jkunx ġie ventilat quddiem dik il-Qorti u deċiż minnha, biex "jagħmel obligu" lil din il-Qorti li tirrimetti l-kwistjoni lill-Ewwel Qorti (subart. (1) ), jew biex "jawtorizza" lil din il-Qorti, jekk il-kwistjoni ma tinvolvix komplikazzjonijiet kbar, li tiddeċedihom hi stess non ostante n-nuqqas tad-doppju eżami (subart. (2) u (3) ). Bir-rinviju lill-Ewwel Qorti wara r-revoka jew l-annullament tas-sentenza tagħha għall-eżami u deċiżjoni ta' xi kwistjoni fil-kawża, li qabel ma tkunx ġiet trattata minnha, din il-Qorti ma tkunx qegħedha, kif jgħid il-konvenut, "tiddelega l-ġurisdizzjoni tagħha" jew "tisvesti ruħha minn din il-ġurisdizzjoni". Hi tkun sempliċement, fl-interess tal-amministrazzjoni aħjar tal-ġustizzja, tagħti l-opportunità li dik il-kwistjoni tiġi eżaminata bil-mezzi ta' prova u proċeduri oħra aktar aġevoli quddiem il-Qrati tal-Ewwel Grad, "iżda salv dejjem" li l-istess kwistjoni tista' terġa tiġi quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' *Reviżjoni*, fi grad ta' appell; b'mod illi d-doppju eżami, li hu normalment dritt ta' kull litigant, ikun salvagwardat. U dan hu appuntu dak li ġara fil-każ preżenti;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk miġjuba fis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, l-appell tal-konvenut relattivament għal dik is-sentenza ma jistgħax jiġi milqugħ;

Ikkunsidrat;

Kwantu għas-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Ottubru 1957;

B'din is-sentenza l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenut għall-isfilz tal-kopja legali tal-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Gustavo Sciortino tal-25 ta' Awissu 1897, *eżibita mill-attriċi fol.* 133, u ċaħdet it-tieni eċċezzjo-

ni tal-istess konvenut illi huwa, bħala komproprjetarju fil-fond irkuprat, għandu d-dritt ta' ritenzjoni;

L-ewwel gravam tal-konvenut kontra din is-sentenza, dak ċjoè illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni, ġa ġie eżaminat u eskluż fl-ewwel parti ta' din is-sentenza;

Kwantu għall-pretensjoni tiegħu illi d-dokument fuq imsemmi messu ġie sfilzat, din il-Qorti, apparti mir-raġunijiet mogħtija fis-sentenza appellata, hija soddisfatta mill-utilità u l-ħtieġa li dak id-dokument kellu jkun quddiemha, u li din in-neċessità u utilità nqalgħu speċjalment wara li ġiet deċiża finalment l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar l-ineżistenza ta' titolu ta' rkupru fl-attriċi, u qabel ma saret meħtieġa l-konsiderazzjoni tat-tieni eċċezzjoni tiegħu li hu wkoll konsorti fil-fond, kif appuntu kien "insista hu stess" li għandu jsir fin-nota tiegħu fol. 48. Del resto, li dak id-dokument kien u kellu jifforma parti mill-proċess ġie ġa impliċitament deċiż bid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Marzu 1956, li bih ġie prefiss terminu lill-konvenut biex, jekk jidhirlu, jiddeduċi quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għall-impunjazzjoni ta' dak il-kuntratt. Dan id-digriet ġie konfermat minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ġunju 1956, u t-talba tal-konvenut għar-ritrattazzjoni ta' din is-sentenza ġiet miċħuda bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Jannar 1957. Din id-deċiżjoni tippostula neċessarjament illi dak il-kuntratt fil-kopja tiegħu bħala dokument kien akkwiżit għall-proċess;

L-unika kwistjoni li tibqa' hi, għalhekk, dik tal-meritu tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, ġà bosta drabi msemmija. Il-konvenut ibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq il-pretensjoni li hu eredi intestat ta' Maria Teresa Caruana; din il-pretensjoni hi, a sua volta, bażata fuq il-pretensjoni l-oħra illi dik l-eredità ma ġietx aċċettata mill-eredi testamentarji. L-attriċi tikkumbatti din l-eċċezzjoni prinċipalment bid-dokument fuq imsemmi, li juri li dik l-eredità mhux biss ġiet aċċettata mill-eredi testati, iżda talli saret bejniethom il-qasma tal-wirt;

Il-konvenut sostna fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu

fol. 81, kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti u quddiem din il-Qorti fit-trattazzjoni orali, illi "fil-fatt diviżjoni ma kienx hemm" (fol. 185), peress illi d-diviżjoni li tirriżulta mill-imsemmi kuntratt kienet "preżunta", "finta", u "allestita" minn min kellu xi nteress li jidher li hemm diviżjoni; u biex isostni t-teżi tiegħu għamel riferenza għas-sentenza u l-atti tal-kawża fl-ismijiet "Giuseppe Ambrogio et. vs. Antonio Francica et.", maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 1897;

Iżda, kif ġa ntqal, l-Ewwel Qorti bid-digriet tagħha tat-13 ta' Marzu 1956, konfermat minn din il-Qorti, kienet tat żmien lill-konvenut biex, jekk jidhirlu, jimpunja l-imsemmi kuntratt ta' diviżjoni b'azzjoni skond il-liġi. Dana, il-konvenut ma għamlux. Apparti dan, però, l-istess konvenut lanqas ma wera bi provi oħra, jew b'dawk li għalihom għamel riferenza, illi l-eredità ta' Maria Teresa Caruana tassew ma ġietx aċċettata mill-eredi testati, u b'ebda mod ma ssoddisfa l-Qorti illi hu tassew komproprjetarju fil-fond in kwistjoni rkuprat mill-attriċi;

Għalhekk sewwa għamlet l-Ewwel Qorti meta ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut. Id-dokument fuq imsemmi hu kopja legali ta' att publiku riċevut minn nutar; u dan, skond il-liġi (art. 629 u 630 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili), jipprova l-kontenut tiegħu sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju. Liema prova kuntrarja, il-konvenut, kif intqal, ma għamilx għas-sodisfazzjon tal-Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk l-appell tal-konvenut ma jistgħax jiġi milqugħ, lanqas in kwantu hu riferibbli għas-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Ottubru 1957;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi;

Tiċħad l-appell tal-konvenut, u tikkonferma ż-żewġ sentenzi appellati, ċjoè dik tas-6 ta' Ottubru 1953 u dik

tat-30 ta' Ottubru 1957; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant;

U in vista tal-maturità tat-trattazzjoni tad-diversi aspetti legali tal-każ u x-xorta taż-żewġ domandi rimanenti taċ-ċitazzjoni, li jistgħu issa aġevolment jiġu trattati u deċiżi minn din il-Qorti, tordna li titkompla t-trattazzjoni fuq dawk id-domandi; u tħalli l-kawża għal dan l-oġġett għat-2 ta' Mejju 1958.